MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1642/2003/1

**Joseph Cachia**

**vs**

**Yellow Fun Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Jannar 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Awissu 2003 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm707.96 (sebgha mija u sebgha liri Maltin u sitta u disghin centezmu) dovuti ghal xoghol maghmula fuq ordni tas-socjeta` konvenuta.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` konvenuta ghandha taghti lill-attur is-somma ta’ seba` mija u seba` liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm707.96) ammont komplessiv ta` zewg invoinces numri 147 u 148 dovuti ghal xoghol maghmula fuq ordni tas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-ammont dovut ma huwiex dovut mis-socjeta` eccipjenti, li qatt ma kellha ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur, stante illi s-socjeta` eccipjenti qatt ma kkommissjonat ebda xogholijiet minghand l-attur, u kwalunkwe relazzjoni illi sethget kien hemm in konnessjoni man-negozju riferit fit-talbiet attrici, kienet ma’ certu Publius Falzon, kif jista` jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghaldaqstant, is-socjeta` eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont dovut huwa, fi kwalunkwe kaz, eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-kawza odjerna hija rizultat ta’ carezza ossia nuqqas ta’ ftehim grossolan fuq min kellu jaghmel ix-xoghol fejn hu a spejjes ta’ min. Mhux kontestat li l-attur ipprovda l-ispazju tal-magazinagg fejn sar ix-xoghol fuq id-dghajjes tas-socjeta` konvenuta. Hekk minn dan ipprovda apparat, dawl u konsumabbli ohra. Aktar minn hekk l-istess attur hallas lil certu Charles Busuttil ta’ xoghol ta’ fibre mahdum fuq id-dghajjes.

Illi x-xhud per eccellenza kien Publius Falzon (vide xhieda stante ta’ 7 ta’ Dicembru 2004). Dana xehed li huwa

thallas ta’ materjal u xoghol minnu provdut. Ma kellux x’jaqsam mad-dovut lill-attur.

In vista ta’ din l-oggezzjoni kellha ghal pretenzjoni attrici is-socjeta` konvenuta messet ikkjarrat fil-kawza lill-istess Publius Falzon inkarigat minnha u li kienet il-persuna li inkarigat lill-attur in prim ordine.

Illi kif gie ritenut ommia labor optat premium equita` u arrikkibilta indebitu. L-attur irid ihallas minn dik il-persuna li ghaliha u fl-interess taghha sar ix-xoghol. Ir-relazzjoni ta’ bejn is-socjeta` konvenuta u lil min inkarigat hija res inter alios acta ghalih.

Illi l-kontijiet indikati Vol 16/17 tal-process ma gewx kontestati u ghalhekk qed jigu akkordati.

Jiddeciedi li fil-waqt li jichad l-eccezjonijiet tas-socjeta` konvenuta jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannha thallas is-somma ta’ Lm707.96 bl-ispejjes u interessi kif mitluba salv kull azzjoni si et quatenus tal-istess socjeta` konvenuta kontra Publius Falzon.”

Is-socjeta` konvenuta tikkontesta lit-Tribunal il-konkluzjoni raggunta minnu fis-sentenza appena riportata. Hi tikkontendi illi l-ezistenza ta’ relazzjoni guridika la hi legalment u lanqas fattwalment korretta. Ghaldaqstant issostni illi gjaladarba ma kien jezisti ebda ftehim konjkuz bejn il-kontendenti hi ma kellhiex tigi kkundannata thallas l-ammont pretiz mill-attur;

M’ hemmx dubju li s-sentenza appellata hi pjuttost ingarbuljata u nieqsa sew minn dik il-kjarezza ta’ hsieb u tar-ragunijiet li mmotivaw lit-Tribunal jasal ghal konkluzjoni tieghu. Certament il-kopja traskritta in atti hi mankanti f’ bosta aspetti. Dan wassal biex din il-Qorti tirriezamina b’ aktar reqqa l-atti kollha attendibbli u tittanta tifformula konsiderandi aktar razzjonali, jew almenu aktar intelligibbli;

In sustanza, il-fatti principali tal-kawza jistghu jigu rijassunti b' dawn il-konstatazzjonijiet:-

(1) Huwa indisputat illi bejn il-kontendenti ma kien hemm ebda ftehim minn qabel dwar iz-zamma taz-zewg dghajjes fil-*garage* ta' l-attur jew tax-xoghlijiet li kellhom isiru fuqhom. Hekk l-attur innifsu jammetti illi ma kien hemm ebda akkordju dwar prezz, anke jekk ippretenda illi, "la darba kellu l-*boats* ghandi u wzaw il-post u l-apparat tieghi, kumpens kien dovut lili zgur, mhux forsi", (fol. 12);

(2) Joseph Pace (fol. 19) u Joseph Cutajar (fol. 25) rapprezentanti tal-kumpanija konvenuta, jghidu li l-ftehim li kellhom kien ma' Publius Falzon, silf l-attur. Kien dan li qieghed il-*boats* fil-*garage* ta' l-attur peress li ma setax iqeghdhom fil-*garage* tieghu. L-imsemmi Publius Falzon issuplixxa *gear boxes*, xaftijiet u accessorji ghal *boats* u ghamel xoghol ta' konsulenza. Ix-xoghol kollu sar minn nies tas-socjeta` appellanti. Fil-fatt l-attur stess jiddikjara li hu ma wettaq l-ebda hidma tieghu fuq dawn il-*boats* izda meta kien mehtieg xoghol fuq il-*fibre glass* inkariga lil certu Carmel Busuttil li kif inghad, hadem taht struzzjonijiet ta' Publius Falzon, ghalkemm mhux inkarigat minnu;

(3) Hemm qbil li certi xoghlijiet saru bl-apparat ta' l-attur u ittiehed ukoll xi hadid minghand l-attur. Ir-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti jirrikonoxxu li ghal dan il-materjal u xoghol ta' *tow bar* fuq Land Rover, hu dovut hlas lill-attur izda xejn aktar minn hekk. Dan ghaliex huma baqghu jsostnu li l-uniku ftehim li kellhom kien ma' l-imsemmi Publius Falzon. Dan ta' l-ahhar jistqarr illi l-istima (fol. 35) li kien ghadda lis-socjeta` konvenuta kien jinvolvi materjal supplit minnu u xoghol li kellu jaghmel hu, u mhux ukoll dak li seta' involva lill-attur;

Stabbiliti dawn il-fatti ma jistax ikun hemm dubju illi s-soluzzjoni u definizzjoni tal-kwestjoni tal-kreditu pretiz tiddependi mill-konsiderazzjoni tal-ligi applikat ghar-rizultanzi tal-fatti partikolari;

Is-socjeta` appellanti tippretendi – u din hi in essenza t-tezi kollha taghha – illi hi ma kellha ebda rapport negozjali ma' l-attur u allura hi ma kkommissjonat ebda xoghol jew attivita` minghandu. Fil-fatt sa mill-bidunett, kif manifest fl-eccezzjoni taghha, hi sostniet illi l-unika relazzjoni guridika li kellha kien ma' Publius Falzon, izda mhux ukoll ma' l-attur;

Issa huwa dottrinalment stabbilit illi l-ftehim konkordat, ossija l-att negozjali bhala espressjoni tal-manifestazzjoni tal-volonta`, ma huwiex l-uniku sors ta' l-obbligazzjonjiet. Hu fil-fatt rikonoxxut illi l-arrikkament ingustifikat jirrientra fil-fonti legali ta' l-obbligazzjoni purke`, s' intendi, jigi stabbilit u konfermat in-ness kawzali bejn il-vantagg rikavat mit-terz u t-telf jew dannu (f' sens ampju) subit minn min wettaq ix-xoghol jew ivversa hlas jew ippermetta l-uzu ta' l-apparat u materjal proprju tieghu. Skond gurisprudenza pacifika accettata mill-Qrati taghna lil dan ta' l-ahhar hi provvduta l-azzjoni "*de in rem verso*", li kif jinghad, "hija rimedju sussidjarju li huwa estiz ghall-kazijiet kollha fejn javvera ruhu arrikkament indebitu effettiv ghad-dannu ta' haddiehor. U hija esperibbli fejn ma hix esperibbli l-azzjoni *ex contractu*" – **Kollez. Vol. XXXVIII P I p 397** u **Vol. XXXIV P III p 784**;

Gja fis-sentenza riportata a **Vol. XXV P I p 805** kien gie spjegat illi "*il rimedio sussidiario 'de in rem verso' basato sulle disposizioni contenute nel titolo omonimo del Digesto (Lib. XIV tit. III) venne dai pratici esteso, oltre ai casi contemplati in quel titolo, a tutti gli altri in cui si fosse avverata una effettiva locupletazione a danno altrui in base al noto principio 'jure naturae aequum est nominen cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem', o fu concesso nei casi in cui l' azione 'ex contractu' non è esperibile, Quella tale azione ha il fondamento o ad un tempo il suo limite nel vantaggio recato al terzo (App. "**Scicluna -vs- Watson**", 15 Luglio 1901, **Collez. Vol. XXVIII P I p 26**)*";

It-Tribunal jaghmel accenn ghall-arrikkiment indebitu pero` mbaghad jonqos li japprofondixxi l-principji u jikkollegahom fil-qafas tar-rizultanzi probatorji. Semplicement, jghaqqad flimkien il-principju ta' l-arrikkiment indebitu ma' l-ekwita`. Principju dan iehor li hu ghab-bazi tal-gudizzju ta' l-istess Tribunal specjali [Artikolu 7 (1) ta' l-Att V ta' l-1995]. Mhux negat illi z-zewg principji huma saldati flimkien, ghaliex kif osservat, "l-azzjoni *de in rem verso* qieghda fuq bazi ta' ekwita`" ("**Amm. Wilbrahim Tennyson Ford *nomine* -vs- George Galea**", Appell Civili, 29 ta' Jannar 1940, **Kollez. Vol. XXX P I p 466**). Tali affermazzjoni wehidha mhix pero` sufficcjenti ghas-success ta' l-azzjoni. Kien jokkorri li jigi ezaminat ulterjorment jekk l-elementi essenzjali kollha taghha jinsabux sodisfatti fil-fattispeci partikulari. Dawn l-elementi huma (i) l-arrikkiment, jigifieri li l-haga versata tirrizulta ta' vantagg u utilita` ghall-arrikkit, (ii) il-vinkolu ta' kawzalita fis-sens li bejn il-fatt ta' min jagixxi b' din l-azzjoni u bejn l-arrikkiment ikun hemm l-istess rapport ta' bejn kawzali u l-effett taghha, u (iii) il-karattru ngust ta' l-arrikkiment. Dan fis-sens illi l-arrikkit ma jistax jipprevalixxi ruhu minn fatt guridiku li jawtorizzah legalment li jikkunserva l-arrikkiment. Ara a propozitu in materja ta' dawn ir-rekwiziti s-sentenzi riportati a **Vol. XXIX P II p 1105** u **Vol. XXXIX P II p 764**;

Fermi dawn is-suesposti principji u elementi, jirrizulta mill-provi tal-kaz ezaminat illi anke in mankaza ta' rapport dirett bejn il-kontendenti kien hemm da parti tas-socjeta` konvenuta l-adoperu ta' materjal, attrezzaturi u ghodod appartenenti lill-attur appellat. Kien hemm ukoll, inkontraddett, ix-xoghol lavorattiv ta' Carmel Busuttil bhala tekniku fis-sengha tal-*fibre glass*, ghal liema hallas l-attur. Ara xhieda ta' l-attur u dik ta' l-istess Carmel Busuttil (fol. 14) kif ukoll id-dokument esebit a fol. 16. Gie imbaghad provat permez tax-xhud Publius Falzon, prodott mill-istess socjeta` konvenuta, illi r-retribuzzjoni pretiza mill-attur ghal tali xoghol, provvista ta' materjal u uzu ta' ghodod ma kienx jirrientra fl-ammont pattwit bejnu u s-socjeta`

konvenuta.  Dan igib ghas-sitwazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, illi gjaladarba dak li appena ntqal dwaru ma kienx jifforma parti mill-oggett tal-ftehim bejn is-socjeta` appellanti u Publius Falzon, u l-ebda hlas ma sar lil dan ghal konstatazzjonijiet suespressi, certament dak li gie versat mill-attur sar a vatagg tas-socjeta` konvenuta u allura l-attur hu ntitolat ghall-hlas.  Biex ikun mod iehor ried jirrizulta dak rilevat fid-decizjoni riportata a **Vol. XLI P I p 631**, u cjoe, li "l-kommittent ma setax jinghad li arrikkixxa ruhu indebitament bix-xoghol ezegwit minn dik il-persuna li ghamlitu billi ghal dak ix-xoghol il-kommittent hallas lill-persuna minnu mqabbda".  Dan mhux il-kaz hawnhekk;

B' danakollu, fil-hsieb tal-Qorti l-arrikkiment indebitu effettiv ghad-dannu ta' l-attur ma jistax ikun maghmul jikkonsisti wkoll fil-pretensjoni ta' kirja jew kumpens ghall-uzu ta' l-ispazju tal-*garage*.  Apparti konsiderazzjonijiet ohra ta' indoli legali, f' dan ma jistax jinghad illi kien hemm lokupletazzjoni effettiva gjaladarba lanqas bejn is-socjeta` appellanti u Publius Falzon ma kien miftiehem hlas ghall-uzu tal-*garage* sakemm jigu effettwati x-xogholijiet.  F' dan il-kaz l-attur ghandu se mai l-azzjoni *ex contractu* kontra l-imsemmi Publius Falzon izda mhux ukoll l-azzjoni '*de in rem verso*' kontra s-socjeta` appellanti.  Wiehed dejjem ma ghandux jinsa illi kif jispjegaw l-awturi, "*l' actio de in rem verso è un mezzo speciale, particolare, sussidiario che si accorda in mancanza di altra tutela quando al danneggiato non compete altro rimedio dipendente da contratto o quasi contratto" (Aubry et Rau, Vol. VI para. 578).*  Konsegwentement, mis-somma reklamata din il-Qorti jidhrilha opportun u gusitifikat li tnaqqas l-ammont ta' mitejn tnejn u tmenin lira (Lm282) li l-attur ikkalkola ghall-uzu tal-*garage* tieghu skond fattura esebita a fol. 17.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li tichad l-appell interpost, timmodifika l-ammont domandat mill-attur u stabbilit fis-sentenza appellata in bazi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula.  B' hekk tikkundanna lis-socjeta` appellanti thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija hamsa u ghoxrin lira Maltija, sitta u disghin centezmu

(Lm425.96) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-avviz (10 ta' Settembru 2003). L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu sopportabbli kwantu ghal terz (1/3) mill-attur appellat u zewg terzi (2/3) mis-socjeta` konvenuta appellanti. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------